# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana


**Uffiċċju** 196, Triq il-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026
**Telefon** 21556097 (uffiċċju) | 79093699 (kappillan)
**Imejl** fontanaparish@gmail.com **Websajt** www.qalbtagesu.com
***Facebook*** 'Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana'
***Live-streaming*** Paġna *Facebook* 'Radju Sacro Cuor'
**Radju** Radju Sacro Cuor 105.2FM

***Il-Bullettin tal-Ħadd***
***27 t'Ottubru 2024***


## "Nistenna l-qawma mill-imwiet u l-ħajja taż-żmien li ġej."



L-ewwel jumejn ta' Novembru huma jiem importanti għalina l-Insara. Sfortunatament qed jiġu fgati minn elf attività, minn safar u minn użanzi li la huma Nsara u lanqas Maltin. Inħeġġeġ lill-komunità kollha tiċċelebra dawn il-jiem għeżież bis-sehem fil-Quddies u biż-żjajjar liċ-ċimiterji. Ħudu 'l uliedkom!

*Il-Qalb ta' Ġesù tberikkom u Sant'Andrija jħariskom. Il-Kappillan*

**Illum il-Ħadd:** Festa tal-Qaddisin għat-tfal kollha fl-10.30am. It-tfal jiġu liebsa tal-Qaddis/a favorit/a jew iġibu magħhom inkwatru jew statwa. Ser ikun hemm *bake sale* miż-żgħażagħ u, waranofsinhar, attivitajiet għat-tfal mill-Kunsill Lokali .

## Il-Ġimgħa 1 ta' Novembru: Jum il-Qaddisin Kollha

***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.***

*Fl-ewwel 8 ijiem ta' Novembru tintrebaħ **l-indulġenza plenarja** għal ħutna l-mejtin billi nżuru ċ-ċimiterju, inqerru, nitqarbnu, nitolbu l-Kredu u l-Missierna, nitolbu skont l-intenzjoni tal-Papa u talba għall-erwieħ.*

| | |
|---|---|
| **Quddies** | **7.00am, 11.30am, 6.00pm** |
| Adorazzjoni | 7.30-11.30am; 4.00-6.00pm |
| Talb animat | 8.30-10.00am; 5.00-6.00pm |
| **6.00pm** | Quddiesa solenni li fiha nfakkru lil uliedna li ma tweldux jew li mietu t'età ċkejkna. *Il-familjari jħallu l-isem fis-sagristija.* |

## Is-Sibt 2 ta' Novembru: Jum il-Mejtin Kollha

*Innutaw li l-Quddies ta' filgħaxija tal-lum ma jgħoddx għall-Ħadd.*

| | |
|---|---|
| **Quddies** | **6.30am, 7.00am, 11.30am, 3.30pm (ċimiterju), 6.00pm, 7.00pm** |
| **3.30pm** | Quddiesa fiċ-ċimiterju tar-Rabat u tberik tal-oqbra tal-Parroċċa. |
| **6.00pm** | Quddiesa solenni li fiha nitolbu b'mod speċjali għal ħutna li mietu minn Novembru 2023. *Mistiedna speċjali l-familjari.* |

**Il-Ħadd 3 ta' Novembru:** Mixegħla tal-Qaddisin fuq iz-zuntier miż-żgħażagħ, mis-6.00pm 'l quddiem (Din ser issir quddiem il-knejjes parrokkjali kollha).

**Ix-xahar ta' Sant'Andrija.** F'Novembru, il-Ħamis qabel il-Barka nitolbu l-kurunella bi tħejjija għall-festa tal-Patrun għażiża tagħna. Inkomplu nagħtu lil dan l-Appostlu, tant għażiż għall-Qalb ta' Ġesù, l-importanza li tant tixraqlu fi qlubna.

## IL-PAPA NNIFSU JIKTBILNA!



*Papa Franġisku wieġeb għal ittra mibgħuta mill-Kappillan f'isem il-Parroċċa u li magħha kien hemm ukoll xbihat tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Papa kiteb hekk (bit-Taljan):*

"Għażiż ħija, nixtieq nirringrazzjak mill-qalb tal-ittra ġentili u tal-immaġnijiet tal-Qalb imqaddsa ta' Ġesù [li bgħattli]. Ninsab grat lejn il-komunità kollha tas-Santwarju parrokkjali tal-viċinanza spiritwali li ġiet manifestata lili. Nistedinkom biex tkunu dejjem xhieda awtentiċi u ferrieħa tal-imħabba kollha ħniena ta' Kristu. Waqt li nitlob il-ħarsien tal-Beata Verġni Marija tar-Rużarju, minn qalbi nbierek il-komunità parrokkjali u l-pellegrini kollha tas-Santwarju. Jekk jogħġobkom, komplu itolbu għalija; jien ser nitlob għalikom. Ħuk, **Francesco**."

*Ma' din l-ittra l-Papa bagħtilna xi santi ta' Qaddisin għal qalbu kif ukoll **karlotta tiegħu u ffirmata minnu** (akkumpanjata minn ċertifikat tas-segretarju personali) biex tinżamm fis-Santwarju. Inkomplu nitolbu ħafna għall-Papa tagħna!*

## *Pizza Night* b'risq l-ambone l-ġdid



- Is-Sibt 2 ta' Novembru, fis-7.30pm, fis-sala. Ikollna t-tombla.
- Kbar €12 u tfal sa 10 snin €5. *Drink* u deżerta inklużi.
- Għażla bejn *margherita*, *capricciosa* jew *pepperoni*.
- ***Take away* possibbli!** Il-pizez *take away* jinġabru dakinhar minn *Cini's Bakery* (mhux mis-sala) mis-7.00 sas-7.30pm.
- Ibbukkjaw sa nhar il-Ħamis għand Giovanna 79317951; John 99228190; Ivana 99261798; Lydia 99403769.

**Providenza:** NN (Qala) **€1000**, NN (Victoria) **€100**, NN **€50**, NN **€30**, NN **€20**, NN **€20**, NN **€20**, NN **€20**, NN **€10** *għall-ambone l-ġdid.* S'issa ġbarna **€13,393**. *Grazzi! Komplu għinuna!*

### Intenzjonijiet tal-Quddies: tal-ġurnata *u tal-11.30am*

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn 28 | Ġuża u Ġużeppi Curmi | *Salvinu, Ġiġa, Dun Joe Galea* |
| It-Tlieta 29 | Toni u Ġorġa Cassar | *Fam. Cutajar-Farrugia* |
| L-Erbgħa 30 | Toni, Ġolina Schembri u fam. | *Ġorġa, Wiġi Galea u fam. Farrugia* |
| Il-Ħamis 31 | Anthony Schembri u fam. | *Carmela, Angelo u fam. Mercieca-Buttigieg* |
| Il-Ġimgħa 1 | Anton Galea | *Karmnu Muscat u Ċikku Cutajar* |
| Is-Sibt 2 | **L-Għid tal-Imwiet** | |
| Il-Ħadd 3 | Karmnu, Marija u fam. Portelli | **10.30am:** *għall-poplu tagħna* |